Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 278/2014

Il-Pulizja

Vs

Edward Scerri

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Edward Scerri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 166576M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-31 ta' Ottubru, 2012 gewwa 159, Xakas Pastizzerija, Triq Fleur-de-lys, Birkirkara, naqas li jghati jew jipproduci ricevuti fiskali permez ta' cash register fiskali li jikkonfoma mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax il-skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 (2) tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jghati jew jipproduci ricevuta fiskali fl-ghamla li tigi pprovduta mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilhu mhallas ghal dik il-provvista,

u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha tikundannatu multa ta' disgha Mitt Ewro (€900); peress illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda l-Qorti qed tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edward Scerri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tilliberah mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Edward Scerri huma s-segwenti w cioe':-

6.1 Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova in sostenn tal-akkuzi. Illi l-provi li ngiebu kienu konsistenti fix-xhieda tal-ispettur fuq imsemmi u tal-X Reading u ricevuta, liema provi qajla jistghu jinghadu illi huma provi sufficjenti sabiex jippruvaw l-akkuza lil hinn minn kull dujbu dettat mir-raguni.

6.2 Illi fir-rigward tax-xhieda tal-ispettur fuq imsemmi, l-istess spettur xehed is-segwenti:

i. Illi huwa ma jafx jekk effettivament l-appellanti tax l-ircevuta fiskali. Tabilhaqq, l-istess spettur qieghed jassumi illi l-appellanti ma tax l-ircevuta ghax il-klijent ma kienitx f'idejh.

ii. Illi ma radx it-transazzjoni ssehh u kwindi huwa m'hiwex f'posizzjoni jghdi jekk tabilhaqq l-appellanti tax ricevuta o meno. Tabilhaqq, dan l-ispettur qal illi osserva lill-klijent jersaq lejn il-hanut in kwistjoni izda ma setax jara t-transazzjoni ssehh pass pass. Tabilhaqq, laqnas bis ra jekk il-klijent hallasz lill-imputat appellant odjern, multo magis, allura, ma jistax jghid illi ma nghatatx ricevuta. Fuq il-bazi ta' dak li ra x-xhud, lanqas biss kellhom jinhargu akkuzi ghax la ma kienx jaf jekk sarx hlas, ma setax jghid li fil-fatt kien hemm xi ksur tal-ligi, stante illi l-prerekwizit tal-akkuzi odjerni huwa l-hlas. Kwindi allura, ma jistax jikkonferma huwa li ma nghatatx ricevuta mill-appellant.

6.3 Illi fir-rigward tal-X Reading u l-ircevuta mressqa wkoll bhala prova, dawna bir-rispett kollu dovut ma jippruvaw xejn: ma jurux jekk effettivament saritx it-transazzjoni in kwestjoni jew jekk tabilhaqqq gietx registrata. Dan l-X Reading juri lista ta' valuri illi, fir-realta', ma jaghtu l-ebda indikazzjoni dwar it-transazzjoni mertu tal-akkuzi. Inoltre, l-ircevuta prezentata, lanqas din ma turi xejn ghax, kif xehed anke l-imputat, dik l-ircevuta ma kienitx relattiva ghall-klijent in kwestjoni izda ghall-klijenti illi huwa qeda waqt illi kien hemm l-ispettur prezenti.

6.4 Illi, tabihlaqq, notevoli wkoll il-fatt illi l-prosekuzzjoni ma gabetx jixhed il-klijent tal-hanut in kwistjoni. Tabilhaqq, ix-xhieda ta' dan il-klijent mienet tkun il-prova regina. Madanakollu, il-prosekuzzjoni ma tellghetx jixhed lil dan il-klijent stante illi l-istess klijent (kif jirrizulta mix-xhieda tal-imputat), meta gie mistoqsi jekk inghatax ricevuta fil-prezenza tal-istess imputat mill-imsemmi spettur, iddikjara bla tlaqliq illi l-imputat, appellant odjern, kien tah ricevuta fiskali.

6.5 Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, u cioe' illi kien hemm konflitt serju ta' provi bbejn il-provi imressqa mill-prosekuzzjoni dawk imressqa mid-difiza, tabilhaqq kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess li ddikjarat illi kien hemm konflitt fil-provi proditti miz-zewg nahat. Fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti, qalet is-segwenti:-

*Illi huwa car illi hawn kunflitt fil-provi, pero' wara li l-Qorti rat u semghet ix-xhieda jaghtu d-depozizzjoni taghhom, u dana fid-dawl tal-provi kollha prodotti partikolarment il-hinijiet tal-ircevuti u l-X reading hija sodisfatta li l-fatti gew kif rakkontat mix-xhud Kenneth Pisani u li sar bejgh li ghalih ma nhargitx ricevuta.*

Illi, bir-rispett kolu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, certament ma jistax jinghad illi l-ircevuta u l-X reading jistghu jikkostitwixxu prova ghar-ragunijiet fuq spjegati. L-imputat spjega l-irvecuta relattiva kienet fir-rigward ta' transazzjoni ohra illi saret mill-appellanti wara l-fatt in kwestjoni, ricevuta illi, del resto, ma kellha x'taqsam xejn mat-transazzjoni mertu tal-akkuzi odjerni stante illi din kienet transazzjoni illi saret ma' persuna ohra u mhux mal-klijent in kwistjoni. Inoltre, l-X reading ma jghid xejn wahdu. Kull ma juri l-hin. La juri l-lista ta' transazzjonijiet, la juri meta saret kull transazzjoni. Allura kif jista' jirrizulta illi tabilhaqq dik it-transazzjoni partikolari ma gietx registrata? Certament, dawn l-hekk imsejha 'provi', ma jistghux jitqiesu bhala provi insostenn tal-akkuzi migjuba kontra l-appellant. Dwar ix-xhud illi tressaq mil-prosekuzzjoni, ghal skans ta' ripetizzjoni, l-appellanti jaghmel referenza ghal dak illi stqarr l-istess xhud illi kien spettur tad-Dipartiment tat-Taxxa tal-VAT li juri illi tabilhaqq huwa ma setax jghid jekk nghatatx ricevuta jew le mill-imputat izda kien qieghed jassumi li ma nghatatx.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanzi sottoposti ghal gudizzju ta' din il-Qorti jidhru kemmxejn kontradittorju ghaliex filwaqt illi fl-ewwel aggravvju l-appellanti jilmenta mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova in sostenn ta'l-akkuzi minnha migjuba kontra l-appellanti, imbaghad fl-istess nifs fl-aggravvju sussegwenti jilmenta mill-fatt illi kien hemm kunflitt serju bejn l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni u dawk migjuba 'il quddiem mid-difiza. Illi allura meta wiehed ighasar dawn iz-zewg ilmenti jidher illi l-kritika mressqa 'il quddiem mill-appellanti lejn id-decizjoni impunjata hija wahda essenzjalment dwar apprezzament ta' provi.

Issa Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi f'dan il-kaz, din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' l-provi mill-gdid billi ma kenitx saret ir-registrazzjoni u traskrizzjoni tax-xhieda li instemghu quddiem l-Ewwel Qorti, izda jidher madanakollu illi essenzjalment inghad l-istess haga mix-xhieda involuti f'dan il-kaz, inkluz allura l-appellanti stess. Illi kif inghad mill-Ewwel Qorti huwa minnu illi l-ispetturi u cioe' ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-imputat jaghtu verzjonijiet konfliggenti, izda mhux kull kunflitt fil-provi necessarjament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata billi x-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti jista' jkun bizzejjed sabiex twassal ghall-konvinciment morali kif titlob il-ligi. Dan ifisser illi mhux l-ammont ta' xhieda

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

illi jghodd izda l-kwalità u jekk il-Qorti jidhrilha illi l-kwalità tax-xhieda ta'xhud wahdu kienet bizzejjed ghall-konvinciment morali ta' htija, allura f'dan il-kaz tista' tasal ghal dik il-konkluzjoni. Fil-fatt il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li x-xhuda tal-prosekuzzjoni kien iktar kredibbli u dan billi sostanzjat b'provi indizzjarji konsistenti il-hinijiet tar-ricevuti u l-X-reading. Illi kif gie deciz:

"**Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena ...**[2]"

Illi din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu quddiemha tqies illi ma hemm l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex ghalkemm l-appellanti jinsisti illi r-ricevuta ghal bejgh mertu ta' dan il-kaz huwa kien harigha, madanakollu jigi imgiddeb mhux biss mix-xhieda ta'l-ispettur tad-Dipartiment tal-VAT li investiga dan il-kaz, izda ukoll mill-provi indizzjarji li jindikaw illi l-ahhar ricevuta li harrget mill-cash register qabel dan il-bejgh kienet tirrisali ghal hafna hin qabel u kienet ghall-ammont differenti mill-valur ta'l-oggetti mixtrija mill-klijent li ikkonferma ma'l-ispetturi illi ricevuta ma kienx inghata. Di piu l-istess klijent, ftit tal-hin wara it-transazzjoni, meta gie imwaqqaf mill-ispetturi ikkonferma illi kien xtara b'kemm jiswew €2.20 u mhux €3.60 kif tindika l-ahhar ricevuta mahruga mill-cash register, li kif inghad kienet tirreferi ghal bejgh li kien sar 'il fuq minn kwarta qabel. Dan ifisser illi l-appellanti ma jistax jigi emmnut meta ighid illi l-bejgh kien ta' €3.40. Kif inhu inverosimili ukoll dak li tikkontedni d-difiza illi sakemm lahaq qasam it-triq il-klijent u l-hin meta l-ispetturi ghamlu il-verifiki mal-cash register kien lahaq ghadda l-hin sabiex b'hekk il-hin li deher fl-ahhar ricevuta li inharrget mill-cash register kienet l-istess hin tal-bejgh mertu tal-kaz. Dan ghaliex certament it-trapass tal-hin minn meta l-klijent gie

[2] Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara – App.Krim 09/09/2002

osservat jaqsam it-triq u gie imwaqqaf mill-ispetturi sakemm l-istess spetturi avvicinaw lill-appellanti ma setax kien daqshekk konsiderevoli.

Illi ghalhekk maghmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Qorti tqies illi l-lanjanzi imressqa ‘il quddiem mill-appellanti ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur